# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar It-Tnejn 7 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 16**

**Rikors Numru : 218/2012 JPG**

**Giuseppa Cassar (ID 0201231M)**

**VS**

**Leonard Cassar (ID 339354M)**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors ta'Giuseppa Cassar tad-29 ta' Frar 2012 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

*"**A. Dikjarazzjoni tal-fatti***

*Illi permezz ta' kuntratt datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) in atti tan-Nutar Mario Bugeja (Dok A), l-esponenti giet mgieghla taghti b'titolu ta' donazzjoni lill-intimat, terz (1/3) indiviz mill-fond numru erbgha (4), Sqaq numru tnejn (2), Saint Leonard Street, Kirkop.*

*Illi l-imsemmi att pubbliku hu wiehed null u bla effett, stante illi ma jikkontjeniex r-rekwiziti kollha 'ad validitatem' mehtiega skond l-artikolu tmienja u ghoxrin (28) tal-Kapitolu hamsa u hamsin (55) tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-firma tal-intimat bhala akkwirent fuq l-imsemmi atti pubbliku hija nieqsa.*

*Illi l-imsemmi att pubbliku ta' donazzjoni tat-tmienja u ghoxrin (28) ta'Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) in atti tan-Nutar Mario Bugeja (Dok A) huwa wiehed null u bla effett, stante illi l-marka tal-esponenti fuq dak l-att pubbliku ma giet attestata minn xhud kompeteni skond l-ligi, u dana peress illi ix-xhud Marthese Bugeja hija relatata man-Nutar Mario Bugeja f'wiehed mil-gradi projbiti mill-ligi.*

***B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri***

1. *Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex l-kuntratt ta' donazzjoni datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) in atti tan-Nutar Mario Bugeja, bl-insinwa numru hmistax l-elef, tlett mija u sbatax tas-sena elfejn u hamsa (15317/2005) (Dok A), jigi ddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi w dana minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi.*

***C. Talbiet Attrici***

*Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara illi l-kuntratt ta' donazzjoni datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) in atti tan-Nutar Mario Bugeja, bl-insinwa numru hmistax il-elef, tlett mija u sbatax tas-sena elfejn u hamsa (15317/2005) (Dok A) huwa null u bla effett stante li ma jikkontjeniex wiehed mir-rekwisiti essenzjali ghall-validita tal-kuntratt, ossia peress li ma jikkontjeniex il-firma tal-intimat bhala akkwirent fuq l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni, u kif ukoll null u bla effett stante illi wahda mix-xhieda tal-marka tal-esponenti fuq l-imsemmi att ta' donazzjoni ma kienitx wahda kkompetenti skond il-ligi; .*

2. *Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk l-annottazzjonijiet kollha mehtiega nkonnessjoni mad-dikjarazzjoni ta' nullita tal-kuntratt ta'donazzjoni nkwistjoni.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat li  l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati  lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta'Leonard Cassar tal-20 ta'Marzu 2012 (a fol. 12) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament l-attrici Giuseppa Cassar hija nieqsa mill- kapacita' mehtiega sabiex tistitwixxi dawn il-proceduri gudizzjarji u giet imgieghla taghmel dan mill-persuni illi qed iduru biha jew li suppost qed iduru biha.*

2. *Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici hija nulla u irritwali stante illi t-talbiet attrici ma jsegwux mill-premessi citattivi u dan in vista tal-fatt illi fil-premessi gie allegat illi l-attrici kienet giet sfurzata biex tiffirma l-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni filwaqt li ma saret ebda talba biex jigi dikjarat illi l-kunsens tal-attrici kien ivvizjat u/jew li l-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni huwa null u bla ebda effett minhabba vizzju tal-kunsens, u dan kollu in vjolazzjoni tal-principju kardinali electa una via non datum recursus ad alteram.*

3. *Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kuntratt ta' donazzjoni in kwistjoni huwa wiehed validu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri talvolta permissibbli skond il-ligi u b'rizerva ta' kull azzjoni gudizzjarja talvolta spettanti lill-eccipjent skond il-ligi"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’sottomissjonijiet tal-intimat Leonard Cassar (a fol. 85 et seq.);

Rat id-decizjoni taghha tat-8 ta’ Mejju 2015 (a fol. 94 et seq.);

Rat in-nota ta’ Giuseppa Cassar ta’ 28 ta’ Settembru 2015, li permezz taghha intavolat kopja tar-rikors guramentat kif korrett u emendat skond digriet tal-Qorti ta din il-Qroti tat-8 ta Mejju 2015.

Rat in-nota tal-intimat Leonard Cassar tas-6 t’Ottubru 2015 li fiha spjega li sejjer jistrieh fuq ir-risposta u nota ta’ sottomissjonijiet diga minnu prezentati f’din il-kawza (a fol. 113);

Rat id-decizjoni taghha tat-22 ta Frar 2016 (a fol 122 et seq) li biha cahdet it-talba ghall-sfilz tall-affidavits ta’ Carmen Reuma u Sylvia Bonnici.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Giuseppa Cassar** xehdet permezz ta' affidavit a fol 29 u 33 illi hija ghandha sehem mill-fond 4, Sqaq 2, Saint Leonard Street, Kirkop, liema sehem kienet wirru minghand ohtha. Spjegat illi hi u ohtha kienu joqghodu flimkien f'dan il-fond izda wara l-mewt ta' ohtha, kienet marret toqghod mal-intimat. Kompliet illi l-mara tal-intimat ghal xi raguni ma kienetx rieditha toqghod maghhom u ghalhekk hija kien ikollha tmur l-ghalqa, li kienet xi ghoxrin minuta l-boghod, bil-mixi u tqatta' l-gurnata hemmhekk, sa xi l-hamsa ta' filghaxija, meta imbaghad kienet tmur lura d-dar ukoll bil-mixi.

Xehdet illi l-pensjoni kien johodha kollha l-intimat. Darba minnhom, l-intimat kien hadha ghand in-Nutar Mario Bugeja biex taghmel testment. Kompliet illi hija ma kienetx taf li kienet qed taghtih proprjeta taghha f'hajjitha u kien ghalhekk li kienet

istitwiet din il-kawza. Ziedet illi eventwalment hija kienet marret toqghod ma-neputija taghha Carmen Theuma u kienet hija li qaltilha wara li ghamlet ricerki li kienet ghamlet kuntratt ta' donazzjoni lill-intimat. Qalet ukoll illi meta kienet marret ghand in-Nutar Bugeja flimkien man-neputija biex tkellmu dwar dan huwa kienet qabad jidhaq u qalilha li ma kienx hemm il-firma tal-intimat fuq il-kuntratt u allura il-Kuntratt ma kienx jghodd.

**In kontro-ezami** a fol 45 a 47 u mistoqsija xi tfisser ghaliha il-kelma donazzjoni wiegbet li tfisser li tghat il-fond lill-intimat, izda hija ma taghtulux. Xehdet illi hi l-kawza ghamlitha biex tiehu lura hwejjigha u taf li ghamlet kawza kontra l-intimat u fuq xiex hadet gurament ghaliex il-proprjeta hija taghha mhux tieghu. Qalet li l-intimat kien hadha ghand in-Nutar Bugeja u **hija kienet marret biex taghmel testment mhux kuntratt ta' donazzjoni.** Ikkonfermat li l-kawza hi riedet taghmilha u mhux qaltilha biex tiftaha Carmen Theuma, u riedet taghmilha biex tiehu lura l-proprjeta taghha.

**Carmen Theuma** xehdet permezz ta' affidavit a fol 30 illi hija tigi n-neputija tar-rikorrenti. Spjegat illi fi zmien meta r-rikorrenti kienet toqoghod mal-intimat hija kienet tmur izurha l-ghalqa ghaliex l-intimat ma kienx jiehu pjacir li jmorru jzuruha d-dar. Qalet illi lir-rikorrenti kienet tarha imdejqa u xi drabi kienet anke tibki. Eventwalment, hija kienet marret ghand l-intimat biex tiehu rigal lill-ibnu u kien dakinhar li r-rikorrent kienet talbitha biex tohodha tghix maghha ghaliex kienet imdejqa hafna ghand l-intimat. Hija kienet accettat u ghalhekk zammitha maghha.

Spjegat illi r-rikorrenti kienet qaltilha li trid taghmel testment u ghalhekk kienu marru ghand in-Nutar Marilyn Dimech, li kienet ghamlet xi ricerki biex tivverifika jekk kienux saru xi kuntratti. Minn dawn ir-ricerki irrizulta li r-rikorrent kienet ghamlet kuntratt ta' donazzjoni favur l-intimat, izda meta qaltilha b'dan, ir-rikorrent wiegbet illi hija qatt ma ghamlet kuntratt ta' donazzjon izda testment u ghalhekk talbitha sabiex imorru ghand in-Nutar Bugeja. Huma gabu kopja tal-kuntratt minghand in-Nutar Bugeja minn fejn irrizulta **illi kienet nieqsa l-firma tal-intimat fuq dan il-kuntratt**, u rinfaccjat b'dan in-Nutar Bugeja li qabad jidhaq u qalilhom li l-kuntratt ma jghoddx ghax minghajr firma.

**Sylvia Bonnici** xehdet permezz ta' affidavit a fol 31 illi hija tigi oht l-intimat u n-neputija tar-rikorrenti. Qalet li ftit li xejn kienet issib lir-rikorrenti d-dar meta din kienet toqghod ghand l-intimat, u kienet tghidlha li kienet tkun fl-ghalqa. Qalet illi filfatt darba minnhom kienet marret l-ghalqa flimkien ma' zewgha biex izzur lir-rikorrenti u kienet sabitha taht sigra taz-zebbug ghaliex il-mara tal-intimat ma kienetx tkun tridha d-dar. **Spjegat li r-rikorrenti kienet tkun wahedha l-ghalqa u ghalkemm kien hemm razzett dan kien jinzamm maghluq.** Qalet illi darba ohra r-rikorrenti kienet talbitha tohodha Birzebbugia biex tmur tara lill ohtha Doris izda talbitha biex ma turi b'xejn lill-intimat ghaliex ma jiehux gost. Kompliet li kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn ir-rikorrent kienet qaliltha li kienet imdejqha bil-mod hazin li bih kien jittrattaha l-intimat.

**Leonard Cassar** xehed in subizzjoni a fol 37 u **kkonferma illi l-firma tieghu ma tidhirx fuq il-kuntratt ezebit a fol 7 et seq tal-process.**

Xehed ukoll permezz ta' affidavit a fol 42 illi huwa jigi n-neputi tar-rikorrenti li kienet ghamlet madwar sitta jew seba' snin toqoghod mieghu u mal-familja tieghu, fejn dejjem giet stamtha tajjeb u trattata bl-ahjar mod possibbli. Spjega li ghal-ewwel li r-rikorrenti kienet toqghod mieghu, kienet tirraguna u kienet qaltlu li trid taghtih sehemha mill-fond in kwistjoni u kien ghalhekk li kienu marru ghand in-Nutar Mario Bugeja biex isir kuntratt ta' donazzjoni. Kompla illi peress li r-rikorrenti ma tafx tiffirma kien hemm zewg persuni li qaghdu xhud tal-marka taghha. Xehed ukoll illi huwa kien prezenti meta sar dan il-kuntratt izda bi **zvista ma kienx iffirmah dak il-hin stess u kien mar jiffirmah wara.** Qal illi dan il-kuntratt ta' donazzjoni sar bil-kunsens u r-rieda taz-zewg partijiet.

**In-Nutar Mario Bugeja** xehed a fol 58B – 59C illi l-kuntratt ezebit a fol 7 et seq tal-process gie ffirmat miz-zewg xhieda Marthese Bugeja u Charles Filletti , u kkonferma li hemm nieqsa l-firma tal-intimat.

**In kontro-ezami** a fol 59C – 61E xehed illi huwa kien qaraha u fisser il-kuntratt lill-komparenti u r-rikorrenti ffirmat il-kuntratt liberament quddiem ix-xhieda. Qal li kien zball li l-intimat ma ffirmax il-kuntratt u li l-intenzjoni tieghu kienet li jaccetta d-donazzjoni.

**Marthese Bugeja** xehdet permezz ta' affidavit a fol 43 illi hija kienet qaghdet bhala **xhud fuq kuntratti tan-Nutar Mario Bugeja diversi drabi** u hu dejjem ifisser lil partijiet dak li jkunu ser jiffirmaw. Hija gharfet il-firma taghha fuq il-kuntratt mertu ta' din il-kawza izda xehdet illi ma tiftakarx ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kuntratt.

**Xehdet ukoll permezz ta' affidavit iehor ezebit a fol 78 tal-process illi n-Nutar Mario Bugeja jigi il-kugin tar-ragel taghha.**

**Carmel Filletti** xehed a fol 75A – 77C u gharaf il-firma tieghu fuq il-kuntratt mertu ta' din il-kawza. Huwa xehed illi dakinhar kien qieghed ghand in-Nutar Bugeja u n-Nutar kien talbu sabiex jidhol joqoghod xhud fuq il-kuntratt in kwistjoni, izda ma ftakarx ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, apparti l-fatt illi huwa kien prezenti meta sar il-kuntratt u ffirma bhala xhud.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepixxa preliminarjament illi r-rikorrenti hija nieqsa mill-kapacita mehtiega sabiex tistitwixxi proceduri gudizzjarji u giet imgieghla taghmel dan mill-persuni li suppost qed iduru biha.

Il-Qorti tinnota illi ghalkemm l-intimat ghazel illi jressaq din l-eccezzjoni, u minkejja illi qatt ma rtiraha, la ressaq provi f'dan ir-rigward u wisq anqas ghamel accenn ghal din l-eccezzjoni fis-sottomissjonijiet tieghu. Hija l-parti li tallega n-nuqqas ta' kapacita ta' persuna li trid tressaq provi konvincenti quddiem il-Qorti ta' dan, ghaliex **il-kapacita ta' persuna li tistitwixxi proceduri gudizzjarji hija prezunta, sakemm ma jitressqux provi univoci, cari u konkludenti modd iehor**. F'dan il-kaz, l-ebda tip ta' prova f'dan is-sens ma tressqet, u anzi, meta r-rikorrenti giet mistoqsija in kontro-ezami jekk hi kienetx taf fuq xiex inhuma dawn il-proceduri u ghalfejn intavolathom, hija wiegbet b'mod car u uriet illi hija kienet kompletament konxja ta' dak li qed taghmel f'dawn il-proceduri, u li dan il-proceduri istitwiethom volontarjament.

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija nfondata u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepixxa wkoll preliminarjament illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla peress illi tivvjola il-principju ta' ***electam una via non datum recursus ad alteram*** billi filwaqt li fid-dikjarazzjoni tal-fatti, r-rikorrenti ssemmi li giet mgieghla tidher fuq il-kuntratt ta' donazzjoni impunjat, fit-talbiet hija titlob li l-kuntratt jigi dikjarat null a bazi ta' nuqqas ta' firma.

Il-Qorti rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti u hija fehma konsiderata taghha illi ictu oculi jidher li din l-eccezzjoni tal-intimat tirrazenta mill-fieragh. Ghalkemm huwa minnu li fid-dikjarazzjoni tal-fatt jissemma li r-rikorrenti giet mgieghla tidher fuq il-kuntratt in kwistjoni, it-tieni paragrafu jispjega b'mod car illi, skont ir-rikorrenti, il-kuntratt huwa null peress illi l-firma tal-intimat hija nieqsa. Huwa immedjatament car ghalhekk illi a kuntrarju ta' dak eccepiet mill-intimat, it-talbiet tar-rikorrenti isegwu pjenament il-premessi kontenuti fir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-Artikolu 40 (1) (e) tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi att nutarili huwa null:

> *"**jekk il-ħtiġiet tal-artikoli** 25(2), (3), (4) u (5), 27, **28(1)(k)** u 34 **ma jkunux ġew imħarsa**:*
>
> *Iżda jekk l-ebda xhieda ma jkunu meħtieġa skont l-artikolu 25(3), u l-proviso tal-artikolu 34(1) u ebda wieħed mill-artikoli 36, 37 u 38 ma japplika, l-assenza temporanja ta' komparenti fuq l-att waqt il-pubblikazzjoni tal-att m'għandhiex tinvalida l-att jekk, minnufih wara li jkun ġie lura, huwa jitlob lin-nutar*

> *biex jerġa' jaqralu dak illi l-komparenti ma kienx preżenti għalih, u n-nutar ikun irrifjuta dan:*
>
> *Iżda wkoll l-ommissjoni tal-firem fl-anness jew lista, kif meħtieġa fl-artikolu 28(1)(k), m'għandhiex tagħmel l-att null iżda dak l-anness jew dik il-lista mhux iffirmati ma jitqisux li jifformaw parti mill-att ħlief safejn il-veridiċità tal-kontenut tagħhom tirriżulta mill-att innifsu jew mil-lista msemmija fl-imsemmi paragrafu (k):*
>
> *Iżda wkoll l-ommissjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 28(1)(k)(ii) m'għandhiex tagħmel l-att null.*"

L-artikolu 28 (1) (k) (i) imbaghad jipprovdi li kull att notarili ghandu jkun fih:

> "***<u>il-firma, fl-aħħar tal-att, fid-dokumenti mdaħħla mal-att u fil-lista tan-nutar, tal-komparenti,</u>*** *u, jekk ikun hemm fidem facientes, jew interpretu jew xhieda, il-firma ta' dawn il-fidem facientes, interpreti u xhieda, bla ħsara tad-disposizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu (g) u, sakemm ma japplikax l-artikolu 25(6), in-nutar għandu jikteb l-inizjali tiegħu fuq kull folja tal-att u f'kull anness tiegħu,*"

Ghalhekk huwa car mid-dicitura tal-ligi **illi l-firma ta' kull komparent fuq kuntratt hija rkjesta *ad validitatem,* u dan fuq piena ta' nullita.** L-argument tal-intimat illi l-kuntratt m'huwiex null ghaliex ma' kienx fl-interess tieghu illi jaghmel xi haga li tinvalida l-kuntratt huwa kompletament infondat, ghaliex il-formalitajiet ta' kuntratt imposti mill-ligi ghandhom jigu segwiti rigoruzament, ghaliex hija l-ligi stess illi timponi piena ta' nullita jekk id-dettami taghha ma jigux segwiti.

Mill-atti jirrizulta bl-iktar mod car illi l-firma tal-intimat hija nieqsa mill-kuntratt impunjat, u dan anke gie ikkonfermat min-Nutar Bugeja stess. Ghalhekk huwa nieqes wiehed mill-element formali u fondamentali ta' kuntratt pubbliku, u cioe il-firma ta' wiehed mill-partijiet. Ergo kif jesigi l-artikolu 28 (1) (k) (I) tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet

ta' Malta, u konsegwentement, b'applikazzjoni tal-Artikolu 40 (1) (e) tal-istess att, il-kuntratt impunjat huwa null ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

**Ikkonsidrat;**

L-artikolu 27 (2) tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "[b]*la ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 670 tal-Kodiċi Ċivili, dwar it-testmenti pubbliċi, dawn il-persuni ta' hawn taħt mhumiex tajbin bħala xhieda:*
> *(omissis)*
> (b) *il-qraba mid-demm jew bi żwieġ tan-nutar jew tal-partijiet jew komparenti fil-gradi msemmijin fl-artikolu 12(b);*
> *(omissis)"*

Il-gradi msemmija fl-artikolu 12(b) huwa s-segwenti:

> "*...mart jew żewġ in-nutar jew hija* ***mħallta man-nutar*** *mid-demm jew* ***biż-zwieġ*** *fil-linja dritta f'kull grad jew f****il-linja kollaterali sat-tielet grad inklużivament.***"

Mill-affidavit ta' Marthese Bugeja jirrizulta illi hija l-mara tal-kugin tan-Nutar Mario Bugeja, u cioe hija mhallta man-nutar biz-zwieg fil-linja kollaterali fit-tielet grad. Konsegwentement, b'applikazzjoni tal-artikolu 27 (2) tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ma kienetx kompetenti biex tidher fuq il-kuntratt in kwistjoni bhala xhud tal-marka tar-rikorrenti.

L-artikolu 40 (e) jipprovdi illi att nutarili huwa null:

> "*jekk il-ħtiġiet tal-artikoli 25(2), (3), (4) u (5), 27,28(1)(k) u 34 ma jkunux ġew imħarsa.*"

F'dan il-kaz jirrizulta illi l-htigijiet tal-artikolu 27 ma gewx segwiti billi dehret bhala xhud fuq il-kuntratt, persuna li ma kienetx kompetenti minhabba l-affinita taghha

man-nutar li ppubblika l-istess kuntratt. Ghalhekk in-nullita ta' dan il-kuntratt tohrog espressament mil-ligi u l-fatt illi r-rikorrent ma kkontestatx illi l-marka hija taghha ma tagevolax il-posizzjoni tal-intimat peress illi l-ligi tipprovdi espressament ghan-nullita ta' kuntratt f'dawn ic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa t-talbiet kollha tar-rikorrenti, tiddikjara illi l-kuntratt ta' donazzjoni datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) in atti tan-Nutar Mario Bugeja, bl-insinwa numru hmistax il-elef, tlett mija u sbatax tas-sena elfejn u hamsa (15317/2005) (Dok A) huwa null u bla effett u konsegwentement tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk l-annottazzjonijiet kollha mehtiega in konnessjoni ma' din id-dikjarazzjoni ta' nullita.

Torda kopja ta din s-sentenza tigi notifikata lil-Direttur tar-Registry Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Leonard Cassar.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**